**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Lulju 2017 – PGNiG Supply & Trading vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-849/16 R)**

***("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Suq intern tal-gass naturali — Direttiva 2009/73/KE — Talba tal-Bundesnetzagentur intiża sabiex jiġu emendati l-kundizzjonijiet ta' deroga għar-regoli tal-Unjoni għat-tħaddim tal-pipeline tal-gass OPAL — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-kundizzjonijiet ta' deroga għar-regoli tal-Unjoni — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza")***

(2017/C 293/40)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* PGNiG Supply & Trading GmbH (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Jeżewski, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet u K. Herrmann, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze u R. Kanitz, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 6950 finali tat-28 ta' Ottubru 2016, li tirrigwarda l-emenda tal-kundizzjonijiet ta' deroga tal-pipeline tal-gass OPAL għar-regoli dwar l-aċċess għal terzi u għar-regolamentazzjoni tarrifarja stabbilita mid-Direttiva 2003/55/KE.

**Dispożittiv**

1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

2) *Id-digriet tat-23 ta' Diċembru 2016, PGNiG Supply & Trading vs Il-Kummissjoni (T-849/16 R) huwa rrevokat.*

3) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-21 ta' Lulju 2017 – Il-Polonja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-883/16 R)**

***"Proċeduri għal miżuri provviżorji — Suq intern tal-gass naturali — Direttiva 2009/73/KE — Talba tal-Bundesnetzagentur intiża sabiex jinbidlu l-kundizzjonijiet ta' deroga għar-regoli tal-Unjoni għall-operar tal-pipeline OPAL — Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-bidla fil-kundizzjonijiet ta' deroga għar-regoli tal-Unjoni — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza"***

(2017/C 293/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: B. Majczyna, M. Kawnik u K. Rudzińska, aġent)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet u K. Herrmann, aġenti)

*Parti intervenjenti insostenn tal-parti(jiet)rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Litwanja rappreżentanti: D. Kriaučiūnas u R. Krasuckaitė, aġenti)

*Parti intervenjenti insostenn tal-parti konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze u R. Kanitz, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 6950 finali, tat-28 ta' Ottubru 2016, li tirrigwarda l-bidla tal-kundizzjonijiet ta' deroga tal-pipeline OPAL għar-regoli dwar l-aċċess ta' terzi u għal-leġiżlazzjoni tariffarja stabbilita bid-Direttiva 2003/55/KE.

**Dispożittiv**

1) *It-talba għal miżuri provviżorji tiġi miċħuda.*

2) *Id-Digriet tat-23 ta' Diċembru 2016, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-883/16 R), huwa rrevokat.*

3) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

---

## Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Lulju 2017 – Polskie Górnictwo Naftowe i Gazownictwo vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-130/17 R)**

***("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Suq intern tal-gass naturali — Direttiva 2009/73/KE — Talba tal-Bundesnetzagentur sabiex jiġu emendati l-kundizzjonijiet għal deroga mir-regoli tal-Unjoni għall-operat ta' pipeline tal-gass OPAL — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-kundizzjonijiet għal deroga mir-regoli tal-Unjoni — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza")***

(2017/C 293/42)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Polskie Górnictwo Naftowe i Gazownictwo S.A. (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentanti: M. Jeżewski, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet u K. Herrmann, aġenti)

*Parti intervenjenti in sostenn tal-parti konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze u R. Kanitz, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016)6950 finali, tat-28 ta' Ottubru 2016, li temenda l-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni mill-obbligu li jiġu applikati ċerti rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni għall-pipeline tal-gass OPAL għar-regoli dwar l-aċċess ta' terzi u l-leġiżlazzjoni tariffarja stabbilita mid-Direttiva 2003/55/KE.

**Dispożittiv**

1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

---

## Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Lulju 2017 – Argus Security Projects vs SEAE

**(Kawża T-131/17 R)**

***("Proċeduri għal miżuri provviżorji — SEAE — Irkupru permezz ta' tpaċija — Talba għal miżuri provviżorji — Dannu finanzjarju — Dmir ta' diliġenza — Nuqqas ta' urġenza")***

(2017/C 293/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Argus Security Projects Ltd (Limassol, Ċipru) (rappreżentanti: T. Bontinck u A. Guillerme, avukati)

*Konvenut:* Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (rappreżentanti: S. Marquardt, aġent, assistiti minn B. Allemeersch, W. De Meester u G. Scraeyen, avukati)